MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2009

Numru. 119/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**Jennifer Busuttil bint Paul u Cathrine nee' Farrugia, imwielda fis-7 ta' Lulju, 1984 u residenti Gawrha, Triq ta' Gawhar, Hal Safi, Malta, detentrici tal-karta tal-identita' numru 351384(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Jennifer Busuttil li giet akkuzata talli nhar il-21 ta' Frar, 2009, ghal habta ta' 22:10hrs fi Triq Dicembru Tlettax, Nadur, Ghawdex waqt il-karnival spontanju:

1) B'gesti, jew le, jew b'xi mezz iehor vizibbli, kasbret pubblikament ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana, illi

hija r-religjon ta' Malta, inkella offendiet ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana billi kasbret lil dawk li huma ta' din ir-religjon jew lill-ministri taghha, jew kull haga li tkun oggett ta' devozzjoni tar-religjon Kattolika Rumana jew li tkun ikkonsograta jew iddestinata biss ghad-devozzjoni ta' din ir-religjon;
2) Ukoll talli minghajr permess jew kontra l-projbizzjoni ta' l-awtorita' kompetenti, libset abiti sagri (soru);

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi l-imputata kien liebsa libsa sewda b'fardal abjad u maktur iswed bl-abjad. Ili dana certament ma jammontax ghal xi abiti sagri billi lanqas ma jirrizulta illi l-imputata kienet liebsa xi kurcifiss jew salib u ghaldaqstant lanqas l-ewwel akkuza ma tista' tirrizulta ippruvata. Di piu' jidher illi l-imputata ma kinitx qed taghmel xi gesti li b'xi mod kienet qed toffendi r-Religjon Kattolika Apostolika Rumana;

Kwindi l-akkuzi ma jirrizultaw ippruvati u l-Qorti qed tillibera lill-imputata minn dawn l-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------